**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Joseph Grima, Georgina armla minn Philip Grima u Doreen Grima**

**vs**

**Lawrence Aquilina**

**Rikors Guramentat Numru: 76/2020JD**

Illum 2 ta' Dicembru 2020.

**Il-Bord,**

Ra r-Rikors Guramentat tar-rikorrenti[1], imressaq bil-procedura sommarja specjali, li permezz tieghu ppremettew u talbu:

1. Illi r-rikorrenti Grima huma proprjetarji tal-fond numru 20, Church Street, Haz-Zebbug, liema fond kien inkera lill-genituri tal-intimat Lawrence Aquilina, ossija Nazzareno u Agnes Aquilina;

2. Illi l-genituri tal-intimat Aquilina baqghu jghixu fil-fond sa mewthom u f'dan l-istess fond fil-gurnata tal-mewt taghha kienu jghixu maghhom l-intimati odjerni jew min minnhom li ai termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta kellhom dritt li jibqghu jghixu fil-fond b'kera irrizorja;

3. Illi missier u r-ragel tal-esponenti, Philip Grima, miet fit-2 ta' Dicembru 2015 skont certifikat tal-mewt, Dokument A hawn anness u skont ricerki testamentarji hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti B u C, l-wirt tiegħu ddevolva 'ab intestato' wara li infetah it-testment sigriet tieghu b'digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, digriet numru 855/16, skont Dokument D hawn anness;

[1] Fol. 1 sa 8

4. Illi kif jirrizulta mill-istess testment huwa ma nnominax eredi bit-testment tieghu imma halla biss xi legati hemm imnizzla, konsegwentement il-wirt tieghu ddevolva ½ indiviz lil martu Georgina Grima u in kwantu għal nofs indiviz iehor fuq l-unici uliedu r-rikorrenti Joseph Grima u Doreen Grima;

5. Illi b'dikjarazzjoni causa mortis tal-1 ta' Diċembru 2016 fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar li estratt minnha koncernanti l-fond de quo qed tigi hawn annessa u mmarkat bħala Dokument E l-fond numru 20 Church Street, Zebbug Malta gie dikjarat 'causa mortis' lil Kummissarju tat-Taxxi Interni;

6. Illi konsegwentement Georgina Grima hija proprjetarja ta' 1/2 indivizi ta' l-istess fond waqt li l-unici ulied u aħwa Joseph Grima u Doreen Grima huma proprjetarji ta'1/2 indiviz ta' l-istess fond bejniethom;

7. Illi l-kera li l-intimati qed iħallsu huwa dak il-minimum stabbilit mill-ligi ossia €203 fis-sena, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta li huma marbutin mal-kera li fond seta' f'xi zmien igib fl-4 ta' Awwissu 1914, liema disposizzjonijet ġew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009;

8. Illi l-fond imsemmi bl-emendi tal-Att X tat-2009 illum għandu kera ta' €209 fis-sena ai termini tal-Artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ai termini tal-istess ligi, r-rata tal-kera ghandha tizdied kull tlett snin b'mod proporzjonali ghal mod li bih ikun jizdied l-Indici ta' Inflazzjoni bl-awment li jmiss fl-1 ta' Jannar 2022;

9. Illi qabel l-emenda ai termini tal-Att X tal-2009, kien japplika l-'fair rent' a tenur tar-'Rent Restriction Dwelling Housing Ordinance' tal-1944 fejn kien jistabbilixxi l-fair rent a tenur tal-Artikolu 3 u 4 tal-istess Ordinanza, liema 'fair rent' a tenur tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta ma seta' qatt jeccedi dak li hemm stipulat fl-Artikolu 4 tal-istess Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta ossija kumpens ta' kera kif stabbilit bil-ligi ta' fond kieku kien inkera f'kull zmien qabel l-4 ta' Awwissu 1914;

10. Illi dan ifisser illi r-rikorrenti ma setgħu qatt jikru l-fond in kwistjoni u jircievu kera gusta stante li bil-ligi dak li kienu jircievu kien kera kif stipulat fil-1914 u baqa' hekk sal-2010 bl-aggustamenti rrizorji tal-Att X tal-2009;

11. Illi billi l-kera hija fissa fil-ligi u ma tistax tinbidel minkejja li l-prezzijiet fis-suq dejjem joghlew u llum il-gurnata tesisti diskrepanza enormi bejn il-kera annwali fuq il-fond u

r-redditu li l-istess fond kien igib f'suq hieles din il-kirja tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti stante li ma nzammx bilanc bejn id-drittijiet tas-sidien u dak tal-inkwilini;

12. Illi ghalkemm xi snin ilu daħal fis-sehh l-Att X tal-2009 sabiex itaffi d-diskriminazzjoni u l-ingustizzji li l-ligijiet specjali tal-kera kienu joholqu versu s-sidien ta' proprjeta', din l-istess ligi bl-ebda mod ma tghin lill-esponenti peress li ma taffettwax il-kera gust tal-fond u inoltre b'din l-istess ligi t-tfal ta' l-intimati Aquilina x'aktarx ser ikollhom il-jedd li jirtu l-kirja;

13. Illi effettivament bl-istat li hija l-ligi, ir-rikorrenti m'ghandhomx speranza reali li qatt jiksbu il-pussess effettiv tal-fond jew redditu reali tal-istess fond tul hajjithom;

14. Illi la r-rikorrenti u lanqas l-antekawza minnhom ma qatt kienu taw il-kunsens hieles taghhom li l-fond jinkera kif fuq premess imma gew sfurzati jaghmlu hekk minhabba l-ligi ta' rekwizizzjoni vigenti stante li l-fond ma kienx fond dekontrollat u lanqas dekontrollabli kif jirriżulta mid-Dokument F u konsegwentment ma setax jitħalla vojt;

15. Illi ghalkemm il-perjodu tal-kirja kien biss ghal sena, din l-istess kirja tiggedded minn sena għal sena u r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda dritt jirrifjutaw li jgeddu din il-kirja;

16. Illi b'dan il-mod, ir-rikorrenti gew imċahhda mit-tgawdija tal-proprjeta' taghhom minghajr ma qed jinghataw kumpens xieraq ghat-tehid tal-pussess ta' l-istess fond u dan peress illi l-kera li jitħallsu bl-ebda mod ma hux qrib il-valur lokatizzju reali tal-istess fond;

17. Illi l-privazzjoni tal-proprjeta' tar-rikorrenti hija lezjoni tad-dritt tal-proprjeta' kif protetta mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea;

18. Illi r-rikorrenti m'ghandhomx rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi huma ma jistghux iziedu il-kera b'mod ekwu u gust skond il-valur tas-suq illum stante illi dak li effettivament huma jistghu jircievu huwa dak kif limitat bl-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

19. Illi r-rikorrenti pprocedew b'kawza quddiem il-Prim Awla Sede Kostituzzjonali, rikors numru 22/2019GM fl-ismijiet Joseph Grima et vs Avukat Generali et li giet deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2020, u li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument G fejn il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u ddikjarat illi fil-konfront tar-rikorrenti l-operazzjoni tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69) qeghda taghti dritt ta' rilokazzjoni lill-intimat Lawrence Aquilina tal-fond Nru 20, Church Street, Haz-Zebbug, b'rata irrizorja ta'

kera u b'hekk qeghdin jigu miksurin id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta), u naqqset il-kumpens ghal €15,000 bir-ratizzazzjoni tal-ispejjez;

20. Illi dawn id-danni minnhom ricevuti kienu jirrisalu sal-prezentata tar-rikors kostituzzjoanli odjern ossia sat-13 ta' Frar 2019.

21. Illi bis-sentenza surreferita in Prim'Istanza, gie deciz illi l-Qorti hi tal-fehma li ladarba gie stabbilit li gew u qeghdin jigu miksura l-jeddijiet fondamentali tar-rikorenti minhabba nuqqas ta' bilanc bejn l-interessi tas-sid u l-iskopijiet socjali li kellhom jintlahqu bl-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri (Kap 69) u bl-Att X tal-2009, l-intimat Lawrence Aquilina ghandu jigi ordnat biex ma jibqax jistrieh fuq il-protezzjoni offerta lilu mill-imsemmija ligijiet sabiex jibqa' jokkupa l-fond inkwistjoni, liema ligi qeghda tigi dikjarata li hija leziva tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti.

22. Illi konsegwentement gialadarba l-kirja inkwistjoni saret ai termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat Aquilina ma jistax jibqa' jgawdi l-lokazzjoni msemmija ghax din il-lokazzjoni tivvjola d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti, kif gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza surreferita.

23. Illi ghalhekk l-okkupazzjoni tal-intimat Aquilina kull gurnata wara din is-sentenza hawn fuq imsemmija hija leziva tad-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti, u kif jiddisponi l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, kull ma sar taht ligi li giet dikjarata li tilledi d-drittijiet kostituzzjonali tal-individwu hija nulla u bla effett.

24. Illi gialadarba l-lokazzjoni ta' bejn il-kontendenti hija nulla u bla effett, ifisser illi l-intimat Aquilina ma jistax jibqa' in okkupazzjoni ghax it-titolu ta' kirja tieghu gie terminat ex lege.

25. Illi ghalhekk l-intimat m'ghandux dritt jibqa' in okkupazzjoni tal-fond stante li ai termini tas-sentenza rikors numru 22/2019GM fl-ismijiet Joseph Grima et vs Avukat Generali et li giet deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2020, il-Qorti ddikjarat li l-intimat Aquilina ma jistax jistrieh izjed fuq id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69) biex jiggustifika z-zamma tieghu fil-fond tar-rikorrenti.

26. Illi l-okkupazzjoni tal-intimat mis-27 ta' Marzu 2020 qed tikkawza hsarat lir-rikorrent tant illi huma skont rapport tal-Perit Elena Borg Costanzi inserit fl-atti tal-kawza fuq

riferita u hawn anness bhala 'dokument H' ghandhom ihallsu kumpens ta' mhux anqas minn €10,500 fis-sena liema kumpens ghandu jithallas sal-eventwali zgumbrament.

27. Illi l-intimat wara s-sentenza rikors numru 22/2019GM fl-ismijiet Joseph Grima et vs Avukat Generali et li giet deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2020 m'ghandux difiza x'jaghti kontra t-talba tar-rikorrenti ghax ma jistax jibqa' jistrieh fuq il-kirja li saret abbazi tal-Ordinanza Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69), u dan kif gie deciz mill-istess Qorti.

28. Illi huma jafu lilhom nfushom bil-fatti kif esposti u Joseph Grima jikkonferma dan bil-gurament tieghu.

29. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex jigi dikjarat li l-intimat ma jistax jibqa' jgawdi mill-kirja tal-fond 20, Church Street, Haz-Zebbug ai termini tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69), u biex konsegwentement jigi ordnat l-izgumbrament tal-istess intimate mill-fond inkwistjoni gialdarba t-titolu gie terminat ex lege, stante li tali kirja hija tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Grima u konsegwentement l-intimat Lawrence Aquilina ma jistax jibqa' jistrieh fuq din it-tali kirja li hija abbuziva u llegali u tilledi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuni u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensati mis-smigh tal-kawza odjerna bil-proceduri sommarji specjali kif stabbiliti mil-Ligi a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord biex jordna lill-intimat sabiex jidher quddiem il-Bord fil-gurnata u hin kif stabbilit mill-istess Bord u f'kaz li l-intimat ikun kontumaci f'dik is-seduta, jew inkella jekk huwa jonqos milli jidher f'dik is-seduta u li jkollu difiza li tiswa' u li jista' jaghmel sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, l-imsemmi Bord li Jirregola l-Kera ghandu:

I. Jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimat Lawrence Aquilina ma jistax jibqa' jistrieh fuq id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-bini (Kap 69) sabiex jibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond 20, Church Street, Haz-Zebbug, proprjeta' tar-rikorrenti;

II. Jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimat Lawrence Aquilina ma jistax jibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond 20, Church Street, Haz-Zebbug stante illi l-kirja giet terminate ex lege ai termini tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea gialadarba giet reza nulla u bla effett fil-ligi u li kienet saret ai termini Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69) liema lokazzjoni tivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif deciz bis-sentenza deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu fil-kawza 22/2019GM fl-ismijiet Joseph Grima et vs Avukat Generali, u kull gurnata in okkupazzjoni qed tikkawza danni lill-istess rikorrenti;

III. Jikkundanna lill-intimat Lawrence Aquilina jizgombra mill-fond 20, Church Street, Haz-Zebbug, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu ffissat minn dan il-Bord.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal azzjoni ta' danni kontra l-intimat Aquilina.

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat[2].

Ra li, fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2020[3], dan il-Bord cahad it-talba ghas-smigh tal-procediment bil-procedura sommarja specjali, u ta lill-intimat zmien biex iressaq ir-Risposta tieghu.

Ra r-Risposta[4] tal-intimat li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni rikorrenti hija infondata kemm bhala fatt, kif ukoll bhala dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

2. Illi fil-kawza Kostituzzjonali illi dwarha inghatat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet Joseph Grima et vs l-Avukat Generali et, ir-rikorrennti, minkejja illi fl-ewwel talba taghhom, talbu kwalunkwe rimedju, inkluz l-izgumbrament, jirrizulta bic-car, illi l-istess Qorti Kostituzzjonali ma qieset l-ebda rimedju iehor apparti l-kumpens, u per konsegwenza ordnat biss il-hlas tal-kumpens, illi fl-opinjoni tal-istess Qorti, kien altru milli sufficjenti, u ghalhekk ma hemmx bazi legali li fuq issa l-esponenti ghandu jigi zgumbrat mill-fond mertu tal-kawza odjerna.

3. Illi fl-ebda parti tal-parti disposittiva tas-sentenza suindikata tal-Qorti Kostituzzjonali, ma ddecidiet l-istess Qorti Kostituzzjonali, illi l-esponenti, ma jistax jibqa' jistrieh aktar fuq xi disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, lanqas fil-fatt effettivament ma giet mitluba mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom, u allura per konsegwenza dan l-Onorabbli Bord m'ghandu l-ebda bazi fuq hiex jista' jiddeciedi illi jordna l-izgumbrament tal-esponenti.

4. Illi fil-fatt, in segwitu ghar-risposta numru 3, tant jirrizulta bic-car illi dak li jinghad fit-tielet risposta huwa minnu, u cioe illi l-Qorti Kostituzzjonali qatt m'ghamlet l-imsemmija enunzjazzjoni fid-decizjoni taghha, ghax fil-fatt ma ntalbitx, l-imsemmija

[2] Fol. 9 sa 60
[3] Fol. 64
[4] Fol. 67 sa 69

enunzjazzjoni qed tigi mitluba issa lil dan l-Onorabbli Bord permezz tal-Ewwel Talba tar-Rikorrenti.

5. Illi fil-fatt, dan l-Onorabbli Bord, ma hux kompetenti illi jiddeciedi l-Ewwel talba tar-rikorrenti.

6. Illi mhux qed jinghad fir-rikors odjern, u lanqas ma inghad quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, ghal-liema disposizzjonijiet tal-Kap 69, kienu qed jirreferu r-rikorrenti fir-rikors taghhom dakinhar, u fir-rikors taghhom illum.

7. Illi lanqas ma huma qed jindikaw ir-rikorrenti llum, liema huma d-disposizzjonijiet kontemplati fil-kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqhom qed jibbazaw l-azzjoni r-rikorrenti.

8. Illi t-talbiet kif dedotti, lanqas ma jirrafuguraw fl-artikolu 8 u 9 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jitolbu r-ripreza tal-fond, liema artikoli ghadhom vigenti u fis-sehh bejn il-partijiet, u ghalhekk iridu qabel xejn jigu sosdisfatti.

9. Illi jidher car ukoll, illi l-uniku rimedju li tat il-Qorti Kostituzzjonali ghal ksur illi sabet kien biss il-kumpens likwidat u moghti, u ghalhekk, oltre l-imsemmi kumpens, ir-rikorrenti m'ghnadhom l-ebda rimedju iehor x'jinghataw, iktar u iktar minn dan il-Bord.

10. Illi kif jirrizulta bic-car fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, ma saret l-ebda vjolazzjoni tal-ebda artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ghalhekk, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma japplikawx ghal kaz odjern.

11. Illi dwar l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta), ghandu jinghad illi l-imsemmi artikolu subinciz (2) tieghu, jispjega preciz, illi, ligi, 'safejn tkun inkonsistenti tkun bla effett', u fil-fatt imkien fir-rikors odjern ma huwa qed jigi spjegat liema mid-disposizzjonijiet tal-ligi huma 'inkonsistent' jew 'safejn huma inkonsistent', mad-disposizzjonijiet tal-Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta.

12. Illi mkien fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ma jirrizulta, illi xi ligi ordinarja giet dikjarata nulla u bla effett, jew addirittura dikjarazzjoni bhal din mir-rikorrenti.

13. Illi l-azzjoni odjerna mhiex wahda kontemplata fil-proviso tal-artikolu 1525 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tezorbita l-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera.

14. Illi sallum, ir-rikorrenti qatt ma ssaldaw mal-esponent kwart (1/4) tal-ispejjez gudizzjarji tal-kawza Kostituzzjonali hekk kif ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali.

15. Illi l-esponenti qatt ma kiser xi kundizzjonijiet tal-kera, jew b'xi mod tezisti xi wahda mir-ragunijiet kontemplati fil-ligi illi jiggustifikaw l-ordni minn dan il-Bord ghar-ripreza tal-fond mis-sidien.

16. Salv risposti ulterjuri.

Ra li l-partijiet strahu fuq il-provi mressqa minnhom fil-kawza **Joseph Grima et vs L-Avukat Generali et** (Rik. Nru. 22/19GM) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2020, li l-atti taghha jinsabu allegati mal-atti ta' din il-kawza u jikkostitwixxu prova fil-procediment odjern.

Ra l-provi kollha mressqa mill-partijiet f'dik il-kawza.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra li:**

Din hija kawza ta' zgumbrament li r-rikorrenti qed jipprosegwu kontra l-intimat, inkwilin tal-fond taghhom 20, Church Street, Zebbug. Huma qed jitolbu li dan il-Bord jiddikjara li l-intimat m'ghandux dritt jistrieh aktar fuq id-disposizzjonijiet tal-ligi li jaghtuh dritt ghar-rilokazzjoni tal-fond, bl-istess kera u kundizzjonijiet, u li konsegwentement tiddikjara terminata l-kirja tal-intimat fuq dan il-fond, u tordna l-izgumbrament tieghu minnu.

Jirrizulta, mill-provi mressqa fil-kawza kostituzzjonali li kien hemm bejn l-istess partijiet, fl-ismijiet **Joseph Grima et vs L-Avukat Generali et** (Rik. Nru. 22/19GM), li:

(i) ir-rikorrenti wirtu dan il-fond minghand Filippo Grima, li miet fit-2 ta' Dicembru 2015, u hallsu t-taxxa tal-boll dovuta wara din it-trasmissjoni *causa mortis* fir-rigward ta' dan il-fond;

(ii) originarjament, fl-1 ta' Marzu 1950, missier l-intimat Nazzareno Aquilina kien kera dan il-fond, ghal skop residenzjali, minghand Karm Bonnici, li kien jigi z-ziju tal-imsemmi Filippo Grima;

(iii) l-imsemmi Nazzareno Aquilina, u martu Agnes Aquilina, baqghu jghixu f'dan il-fond sakemm mietu fis-sena 2014; f'dan il-fond, huma rabbew familja ta' ghaxart itfal; meta mietu, kien baqa' jghix maghhom biss l-intimat, li huwa guvni, li ha hsiebhom sakemm mietu, u mbaghad baqa' jghix wahdu fl-istess post minn wara l-mewt taghhom sal-lum;

(iv) originarjament, il-kera li kien ihallas missier l-intimat lil Karm Bonnici kienet ta' £6 kull sitt xhur; mill-1 ta' Marzu 1974, il-kera gholiet ghal LM9 kull sitt xhur, u mbaghad b'effett mill-20 ta' Frar 2011, il-kera gholiet ghal €185 fis-sena, u baqghet toghla kull tlett snin skond l-gholi tal-hajja. L-ahhar kera li r-rikorrenti accettaw minghand l-intimat thallset fit-22 ta' April 2016 ghall-perjodu mill-20 ta' Frar 2016 sal-20 ta' Frar 2017;

(v) l-intimat iddikjara li l-introjtu tieghu jikkonsisti fil-pensjoni tal-eta'. Ma tressqet ebda prova ohra dwar il-qligh tieghu, u ma jirrizultax mill-atti li ghandu xi mezzi kapitali.

**Ikkunsidra wkoll li:**

Ir-rikorrenti jippretendu li, bis-sentenza fil-kawza **Joseph Grima et vs L-Avukat Generali et** (Rik. Nru. 22/19GM), li kienet deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Ottubru 2019 u, wara li appellaw minnha l-intimat Lawrence Aquilina, u l-Avukat Generali, mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2020, huma ghandhom dritt jirriprendu l-pussess tal-fond 20, Church Street, Zebbug, battal, u li konsegwentement l-intimat ghandu jigi ordnat minn dan il-Bord jizgombra minnu, minhabba li, fil-kunsiderazzjonijiet taghha, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) irriteniet li l-intimat m'ghandux dritt jibqa' jistrieh fuq il-protezzjoni moghtija lilu mill-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini biex jibqa' jokkupa dan il-fond, bl-istess kera u kundizzjonijiet.

Min-naha tieghu, l-intimat jikkontesta din il-posizzjoni u jirritjeni li mkien fil-gudikat tal-Qorti Kostituzzjonali ma hemm ordni ta' zgumbrament kontra tieghu, jew projbizzjoni li jibqa' jgawdi d-dritt ta' rilokazzjoni li taghtih il-ligi msemmija dwar il-fond mertu tal-kawza. Huwa jinsisti li r-rimedju moghti lir-rikorrenti ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali dikjarata favur taghhom bl-istess gudikat kienet tikkonsisti f'kumpens li llikwidat l-istess Qorti favur taghhom, u li kellu jithallas lilhom mill-Avukat Generali.

Ir-Rikors odjern kien prezentat fis-27 ta' Mejju 2020.

**Kompetenza**

Permezz tal-hames u t-tlettax-il eccezzjoni, l-intimat eccepixxa l-inkompetenza ta' dan il-Bord billi l-azzjoni odjerna mhiex wahda kontemplata fil-proviso tal-artikolu 1525 tal-Kap 16.

Dan il-Bord ma jqisx li dawn l-eccezzjonijiet huma gustifikati billi l-iskop primarju tat-talba tar-rikorrent huwa l-izgumbrament tal-intimat mill-fond lilu mikri u dan in vista li kien hemm relazzjoni lokatizja bejn il-partijiet. Dan certament jaqa' fil-kompetenza ta' dan il-Bord. Inkwantu ghall-ewwel talba tar-rikorrenti, jekk semmai l-Bord se jilqaghha se jkun

qieghed jimxi u jienu in kunsiderazzjoni s-sentenzi msemmija mill-partijiet f'dawn il-proceduri.

**Ikkunsidra wkoll li:**

Wara li qies bir-reqqa l-atti tal-kawza **Joseph Grima et vs L-Avukat Generali et** (Rik. Nru. 22/19GM), dan il-Bord ihoss li ghandu jaghmel dawn l-osservazzjonijiet ta' fatt:

(i) bl-ewwel talba taghhom f'dik il-kawza, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti taghtihom *'[i]r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni inkluz l-izgumbrament tal-intimati Aquilina mill-fond de quo'*;

(ii) fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ix-*'Xorta ta' Kumpens u Kwantifikazzjoni tieghu'*, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) qalet hekk:

*'Illi l-Qorti hi tal-fehma li ladarba gie stabbilit li gew u qeghdin jigu miksura l-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti minhabba nuqqas ta' bilanc bejn l-interessi tas-sid u l-iskopijiet socjali li kellhom jintlhaqu bl-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini u l-Att (Kap. 69) u bl-Att X tal-2009, l-intimat Lawrence Aquilina <u>ghandu jigi ordnat</u> biex ma jibqax jistrieh fuq il-protezzjoni offerta lilu mill-imsemmija ligijiet sabiex jibqa' jokkupa <u>l-fond bin-numru 11, Triq Guze' Ellul Mercer, Sliema</u>[5], liema ligi qieghda tigi dikjarata li hija leziva tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti'.*[6]

(iii) fil-<u>parti dispozittiva</u> tas-Sentenza, l-istess Qorti ddecidiet li:

*'(3) fil-konfront tar-rikorrenti l-operazzjoni tal-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69) qeghdha taghti dritt ta' rilokazzjoni lill-intimat Lawrence Aquilina tal-fond Nru 20, Church Street, Haz-Zebbug, b'rata irrizorja ta' kera u b'hekk qeghdin jigu miksurin id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-kap. 39 tal-Ligijet ta' Malta) u tal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni'*, u mbaghad ghaddiet biex sabet lill-Avukat Generali responsabbli ghall-hlas tal-kumpens ghad-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tat-thaddim ta' dawn il-ligijiet, u ordnatlu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' €35,000;

---

[5] Ir-riferenza ghal dan il-fond ma tinftiehemx fl-isfond fattwali ta' dan il-kaz, biss pero huwa evidenti li dan kien *lapsus calami* billi fiz-zewg linji ta' qabel jissemma b'mod specifiku Lawrence Aquilina.

[6] Ara pg. 25 tas-Sentenza (sottolinear ta' dan il-Bord

(iv) huwa minnu ghalhekk li fil-parti dispozittiva, dik il-Qorti mkien ma ssemmi li l-intimat ma jistax ikompli jistrieh fuq il-protezzjoni offruta lilu mil-ligijiet imsemmija biex jibqa' jokkupa l-fond mertu tal-kawza 20, Church Street, Zebbug;

(v) ir-rikorrenti ma appellawx minn dik is-Sentenza;

(vi) appellaw mis-Sentenza biss l-intimat u l-Avukat Generali;

(vi) il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sens li:

(a) sabet li r-rikorrenti ma garrbu ebda ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti bl-art. 37 tal-Kostituzzjoni, u bl-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(b) naqqset il-kumpens pagabbli mill-Avukat Generali lir-rikorrenti ghal €15000 (hmistax-il elf Ewro);

(c) mill-bqija kkonfermat is-sentenza appellata.

Illi inkwantu ghat-tieni eccezzjoni tal-intimat jinghad li l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali m'ordnatx l-izgumbrament tal-intimat dan ma jfissirx necessarjament li qieset li l-kumpens likwidat kien rimedju altru milli sufficjenti ghal-lanjanzi tar-rikorrenti. Infatti f'kawzi ta' dan it-tip il-Qorti Kostituzzjonali generalment ma tordnax l-izgumbrament tal-inkwilin, biex b'hekk is-sid tal-fond sussegwentement jirrikorri quddiem dan il-Bord. Kwindi din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Jehtieg issa li jigi ezaminat il-punt sollevat mill-intimat fit-tielet eccezzjoni tieghu ossija li fil-parti dispottiva tas-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali ma ddecidietx li l-intimat ma jistax jibqa' jistrieh aktar fuq id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 u ghaldaqstant isostni li l-Bord m'ghandux bazi fuq xhiex jizgombra lill-intimat.

Il-ligi procedurali taghna tirregola s-Sentenzi, u b'mod partikolari l-ghoti tal-ordnijiet decizivi u obbligatorji fihom, fl-**art. 218** u **219** tal-Kap. 12:

**Is-sentenza ghandu jkun fiha r-ragunijiet tad-decizjoni**

**218.** Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet tal-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut:
Iżda il-Bord tar-Regoli maħtur skont l-artikolu 29 jista', permezz ta' Regoli tal-Qorti, jidderoga mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

**Dikjarazzjonijiet decizivi jew obbligatorji ghandhom ikunu fid-dispozitiv.**

**219. Kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deciziva jew obbligatorja, għandha tigi mdaħħla fid-dispozitiv.**

Kif ga inghad, dan il-Bord ma sab ebda ordni kontra l-intimat, fid-dispozittiv tas-sentenza **Joseph Grima et vs L-Avukat Generali et** (Rik. Nru. 22/19GM) moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Ottubru 2019, sa fejn din giet konfermata mis-Sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istess kawza fis-27 ta' Marzu 2020, u lanqas fil-parti dispozittiva ta' din l-ahhar Sentenza, li twaqqaf l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69) favur tieghu ghar-rigward tal-fond 20, Church Street, Zebbug. Ifisser dan li l-Bord ghandu jghaddi biex jilqa' din l-eccezzjoni?

Fil-fehma tal-Bord it-twegiba ghal tali kwezit ghandha tkun fin-negattiv.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u l-Qorti Kostituzzjonali iddecidew li l-fatt li l-Kapitolu 69 jaghti dritt ta' rilokazzjoni lill-intimat b'rata ta' kera baxxa jwassal ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) illikwidat l-ammont ta' €35,000 bhala kumpens ghal danni sofferti, mentri l-Qorti Kostituzzjonali illikwidat ammont anqas biex b'hekk akkordat €15,000 in linea ta' danni li jkopru l-perjodu mis-sena 2014 sas-sena 2019.

Id-dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kontenuta fid-decide ma tistax tittiehed u titqies *in vacuo* f'dawn ic-cirkostanzi. Huwa proprju ghalhekk li huwa relevanti dak li tenniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **J. Bonello vs Bonello**[7] ossija li *"il-volonta' tal-gudikant tista' tittiehed anki mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dizpozittiv m'ghadux jittiehed separatament mill-motivazzjoni, izda ghandu jigi minn din definit u spjegat (Vol XXX.i.131; Vol XXXVII.i.51; Vol XLII.i.287; Rita Grech et vs Segretarju tad-Djar, App Sede Inf, 18.02.1986). dan ghal dik li hi l-parti razzjonali tad-dizpozittiv".*

Infatti harsa lejn dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili taht il-*heading* 'Xorta ta' kumpens u kwantifikazzjoni tieghu':

[7] Deciza fil-31 ta' Jannar 2003

*Illi huwa assodat li r-rimedju kostituzzjonali ma jfissirx ir-rimbors tal-valur shih fuq is-suq lis-sid. B'danakollu, l-Qorti ghandha tqis diversi fatturi bhat-tul ta' zmien li ilha ssehh il-vjolazzjoni, il-grad ta' sproprzjon bejn dak li rcevew ir-rikorrenti u dak li setghu jaqilghu mis-suq hieles; l-ghan socjali tal-mizura kif ukoll id-danni materjali li batew ir-rikorrenti*[8]*;*

*Inoltre l-Qorti taghmel riferiment ghal dak stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet Dr Cedric Mifsud v l-Avukat Generali*[9]*, fejn intqal illi:*

*"... jekk tordna biss il-hlas ta' danni u thalli illi l-ligi jkompli jkollha effett (bejn il-partijiet), il-Qorti tkun qieghda effettivament tippermetti li jkompli jtul fiz-zmien stat ta' anti-kostituzzjonalita'... Flok ittemm stat ta' ksur tad-drittijiet fondamentali, il-Qorti tkun qieghda tippermetti li jitkompla bil-kondizzjoni tal-hlas tad-danni, meta dak li jridu l-ligijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali hu li dawk id-drittijiet jitharsu tassew, u mhux ikomplu jinkisru basta jithallsu d-danni, bhallikieku l-hlas tad-danni huwa licenzja ghall-ksur kontinwat tad-drittijiet fondamentali".*

*Illi l-Qorti hi tal-fehma li ladarba gie stabbilit li gew u qeghdin jigi miksura l-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti minhabba nuqqas ta' bilanc bejn l-interessi tas-sid u l-iskopijiet socjali li kellhom jintlahqu bl-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini u l-Att (Kap 69) u bl-Att X tal-2009, l-intimat Lawrence Aquilina ghandu jigi ordnat biex ma jibqax jistrieh fuq il-protezzjoni offerta lilu mill-imsemmija ligijiet sabiex jibqa' jokkupa l-fond bin-numru 11, Triq Guze Ellul Mercer, Sliema, liema ligi qeghda tigi dikjarata li hija leziva tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti*[10]*".*

Imbaghad il-Qorti Kostituzzjonali qalet ukoll fis-sentenza taghha tas-27 ta' Marzu 2020:

*16. L-ewwel Qorti ddecidiet li l-ligi specjali tal-kera (Kap 69) inkwantu taghti jedd ta' rilokazzjoni b'rata baxxa ta' kera, tikser id-dritt fondamentali tal-atturi taht artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni qeghdin jinkisru.*

*17. Skont l-Artikolu 3(2) tal-Kap 319:*

---

[8] Cassar Torreggiani vs Avukat Generali 31.01.2014 Prim'Awla

[9] P.A. 31.01.2014

[10] Ir-riferenza ghal dan il-fond ma tinftiehemx fl-isfond fattwali ta' dan il-kaz, biss pero huwa evidenti li dan kien *lapsus calami* billi fiz-zewg linji ta' qabel jissemma b'mod specifiku Lawrence Aquilina.

*(2) Fejn ikun hemm xi ligi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ghandhom jipprevalu, u dik il-ligi ordinarja ghandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett"*

*18. L-istess jinghad f'Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni.*

Ghalhekk il-Qorti Kostituzzjonali ikkonkludiet li meta l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet li l-intimat m'ghandux jibqa' jgawdi l-protezzjoni li jaghti l-Kap 69 *"kienet sempliciment qeghda tapplika l-ligi u xejn aktar".*

Fid-dawl ta' dan kollu, dan il-Bord iqis li meta l-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat li l-jedd ta' rilokazzjoni b'kera baxxa tal-fond inkwistjoni lill-intimat jikkostitwixxi ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent, dan ifisser li l-intimat ma jistax jibqa' jinvoka d-dipsosizzjonijiet tal-Kapitolu 69 u dawk l-emendi li jolqtu l-istess kirja sabiex jibqa' jokkupa l-fond inkwistjoni bhala inkwilin, u dan abbazi ta' ligi li gie dikjarat li l-applikazzjoni taghha ghaf-favur tieghu qeghda tikser id-drittijiet tar-rikorrent. Li kieku dan il-Bord kellu jiddeciedi mod iehor, ikun ifisser li qieghed jipperpetwa l-ksur tad-drittijiet tar-rikorrent. U fid-dawl ta' dak dikjarat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) il-kumpens wahdu mhux l-uniku rimedju li r-rikorrent ghandu dritt ghalih u tali ragunament gie kkonfermat fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali. Ghalhekk l-eccezzjoni numru disa' hija infondata.

Fl-ahharnett, inkwantu ghall-erbatax-il eccezzjoni ebda prova ma ngabet mill-intimat u kwindi qeghda tigi michuda.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, iqis li t-talbiet tar-rikorrenti *in parte* huma misthoqqa, filwaqt l-eccezzjonijiet tal-intimat ghandhom jigu michuda billi huwa evidenti li r-rikorrent kellu jadixxi quddiem dan il-Bord abbazi tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali biex jigi assigurat li l-jeddijiet tieghu ma jibqghux jigu vvjolati.

Il-Bord uza l-kliem *in parte* inkwantu ghat-talbiet tar-rikorrenti billi fil-premessi u fit-tieni talba gie sostnut li l-kirja giet terminata *ex lege* ai termini tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (li mhux applikabbli billi f'dan il-kaz ma nstabx li kien hemm vjolazzjoni ta' xi jedd imhares mill-Kostituzzjoni) u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja gialadarba giet reza nulla u bla effett fil-ligi. Il-Bord ma jqisx li l-kirja giet reza nulla u bla effett *ex lege* u lanqas bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, izda sallum mis-sentenzi moghtija f'Sede Kostituzzjonali jidher evidenti li s-sistema adottatat hija li jkun jehtieg li jkun hemm

proceduri *ad hoc* quddiem dan il-Bord biex l-inkwilin jigi zgumbrat. Altrimenti li kieku dak premess mir-rikorrent huwa minnu, l-izgumbrament kien ikun wiehed mir-rimedji li l-Qorti Kostituzzjonali kienet taghti. Imkien fis-sentenza ma jinghad li l-kirja kienet qeghda tigi terminata. Naturalment l-effetti tad-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrent imbaghad twassal ghal tali dikjarazzjoni u ghall-eventwali zgumbrament.

Illi il-Bord ghal kompletezza jirrileva li in linea ma' dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Debono et vs Peter Leonard Nind**[11], li l-fatt li ma ntalbitx dikjarazzjoni li l-kirja ghandha tigi terminata m'ghandhiex tkun ta' ostakolu ghat-talbiet tar-rikorrenti. Infatti f'din is-sentenza l-Qorti rreferiet ghal sensiela ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna li jghidu li talba ghal kundanna tista` timxi waheda meta jkun car li fiha ikun implicitu talba ghal-dikjarazzjoni ta` responsabilita`. Infatti wara li kkwota diversi sentenzi, l-Qorti kkonkludiet hekk:

*Din il-Qorti, kif issa presjeduta, taqbel ma din il-linja ta` decizjonijiet u tqis li talba ghax-xoljiment tal-kirja, hija mitluba mill-atturi (meta, fil-formula, jinghad li "hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji*[12]*") u, f`kull kaz, hija nsista u involuta fit-talbiet l-ohra tal-atturi. Kwindi, l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti qed tigi michuda.*

Fl-ahharnett fit-tieni talba taghhom ir-rikorrenti qeghdin jitolbu wkoll dikjarazzjoni li *kull gurnata in okkupazzjoni qed tikkawza danni lir-rikorrenti.* Abbazi ta' dak deciz il-Bord se jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' din il-parti tat-talba, b'rizerva ghad-drittijiet spettanti lir-rikorrenti.

## Decide

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet tal-intimat bil-mod segwenti:

(i) Jichad il-hames u t-tlettax-il eccezzjonijiet tal-intimat u jiddikjara ruhu bhala kompetenti sabiex jiddeciedi l-kaz odjern;
(ii) Jilqa' l-ghaxar eccezzjoni tal-intimat;
(iii) Jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-intimat;
(iv) Jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u ghalhekk jiddikjara u jiddeciedi li abbazi ta' dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tas-27 ta' Marzu 2020, l-intimat

---
[11] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fid-19 ta' Ottubru 2007
[12] Ir-rikorrenti odjerni wkoll fil-bidu tat-talbiet taghhom ighidu: *Ghaldaqstant, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna*

Lawrence Aquilina ma jistax jibqa’ jistrieh fuq id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-bini (Kap 69) sabiex jibqa’ fl-okkupazzjoni tal-fond 20, Church Street, Haz-Zebbug, proprjeta’ tar-rikorrenti;

(v) Jilqa’ in parte t-tieni talba billi jiddikjara u jiddeciedi illi l-intimat Lawrence Aquilina ma jistax jibqa’ fl-okkupazzjoni tal-fond 20, Church Street, Haz-Zebbug stante li l-kirja qieghda tigi terminata a permezz ta’ din is-sentenza u dan abbazi ta’ dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tas-27 ta’ Marzu 2020 billi gie dikjarat li l-lokazzjoni tivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta’ dik il-parti tat-talba fejn intalbet dikjarazzjoni li *kull gurnata in okkupazzjoni qed tikkawza danni lir-rikorrenti,* b’rizerva ghad-drittijiet spettanti lir-rikorrenti.

(vi) Jilqa’ t-tielet talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat Lawrence Aquilina jizgombra mill-fond 20, Church Street, Haz-Zebbug fi zmien perentorju ta’ tletin (30) jum millum.

Bl-ispejjez a karigu tal-intimat, hlief ghal dawk li jirrelataw mat-talba sabiex il-procedura jkunu bi procedura sommarja li ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Registratur**